PAĠNA VOJTA



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI
# FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA
# 2022

Suġġett: Malti
Ħin: 15:30 – 16:30 (Siegħa)

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| | |
|---|---|
| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Darba waħda, ilu ħafna, kien hemm Re li kien jismu Re Mellu. Dan ir-Re kien raġel twajjeb ħafna u kulħadd kien iħobbu. Re Mellu kellu passatemp speċjali. Kien iħobb ħafna l-fniek li kienu l-annimali ppreferiti tiegħu. Huwa kellu fniek ta' kull kulur u razza, fniek kbar u fniek qriemeċ, b'kollox kellu erbgħa u erbgħin wieħed. Iżda fost dawn il-fniek kollha kellu wieħed li kien iħobb b'imħabba kbira. Dan il-fenek kien iswed tuta u mbagħad kellu denbu qisu kobba suf bajda safja.

Fulfellu kien jismu dan il-fenek, u kellu storja speċjali. Fulfellu kien instab ħdejn il-bieb tal-kastell mit-tifel tal-ġardinar, f'għodwa waħda xitwija. Dan il-fenek kien imgezzez f'rokna wara qasrija tas-sardinell, iżda t-tifel kien lemħu u rnexxielu jaqbdu nkiss inkiss. F'dak il-ħin eżatt, ir-Re Mellu kien xiref mit-tieqa tal-kamra tiegħu u ħares 'l isfel lejn fejn kien it-tifel. Lemaħlu dik il-kobba sewda f'idejh, u ġietu kurżità. Għajjatlu biex jitla' ħdejh. Hekk kif ir-Re xeħet għajnejh fuq il-fenek, minnufih issaħħar iħares lejh u talab lit-tifel jagħtihulu. It-tifel feraħ li kien irnexxielu jsib fenek waħdu, iżda feraħ iżjed li seta' jagħti xi ħaġa lir-Re Mellu li kien tant twajjeb. U minn dak il-jum, Fulfellu, kif kien laħaq semmieh it-tifel tal-ġardinar, baqa' l-favorit tar-Re.

(Azzopardi Marika – Il-Fenek tar-Re.)

**Mistoqsijiet**

1. F'liema staġun kien instab il-fenek l-iswed?
   a) Fis-sajf
   b) Fil-ħarifa
   c) Fix-xitwa
   d) Fir-rebbiegħa.

2. Min kien sab il-fenek l-iswed?
   a) Ir-Reġina
   b) Ir-Re Mellu
   c) Il-gwardjan
   d) It-tifel tal-ġardinar.

3. X'semmewh il-fenek l-iswed?
   a) Fulu
   b) Fulfellu
   c) Fufinu
   d) Fejġel.

4. X'kien jismu r-Re?
   a) Ir-Re Mellu
   b) Ir-Re Kellu
   c) Ir-Re Bellu
   d) Ir-Re Pellu.

5. X'kwalità ta' bniedem kien ir-Re Mellu?
   a) Raġel kattiv
   b) Raġel ċajtier
   c) Raġel antipatiku
   d) Raġel twajjeb ħafna.



PAĠNA VOJTA

# PAĠNA VOJTA



6. X'kien il-passatemp speċjali tar-Re Mellu?
   a) Kien iġemma' l-bolli
   b) Kien iħobb ħafna l-fniek
   c) Kien iħobb l-għasafar
   d) Kien iħobb jistad.

7. X'tifhem meta ngħidu 'fniek qriemeċ'?
   a) Fniek żgħar ħafna
   b) Fniek b'denbhom twil
   c) Fniek b'denbhom innukklat
   d) Fniek b'għajnejhom ħomor.

8. Kemm kellu fniek b'kollox ir-Re Mellu?
   a) Wieħed u għoxrin wieħed
   b) Ħamsa u għoxrin wieħed
   c) Erbgħa u erbgħin wieħed
   d) Tnejn u għoxrin wieħed.

9. X'irid ifisser l-awtur meta jgħid 'kien iswed tuta'?
   a) Kien jagħti fl-iskur
   b) Kien iswed ħafna
   c) Kien vjola skur
   d) Kien iswed fil-griż.

10. X'tip ta' qasrija kienet fejn instab Fulfellu?
    a) Qasrija tas-sardinell
    b) Qasrija tal-ħabaq
    c) Qasrija tal-merqtux
    d) Qasrija tal-bżar aħmar.

11. 'Nkiss inkiss' ifisser?
    a) Jaljenah
    b) Fuq il-ponot ta' saqajh
    c) Mingħajr ma jarawh
    d) Bil-mod il-mod.

12. Meta ra dik il-kobba sewda f'idejn it-tifel x'għamel ir-Re?
    a) Niżel jara x'kienet
    b) Ried ikun jaf x'kienet
    c) Ġietu l-kurżità
    d) Beda jaqbeż u jwerżaq.

13. Wara li ra x'kienet dik il-kobba sewda, x'għamel ir-Re?
    a) Għajjat lit-tifel biex jitla' ħdejh
    b) Qal lit-tifel biex jitilqu
    c) Sejjaħ lil missier it-tifel
    d) Niżel biex imellsu.

14. Għaliex feraħ l-aktar it-tifel li sab il-fenek?
   a) Għax kien jaf li r-Re kien ser jagħtih ħafna ikel
   b) Għax tal-fenek ir-Re tah ħafna flus
   c) Għax għal sħabu sar xi ħaġa importanti
   d) Għax seta' jagħti xi ħaġa lir-Re Mellu.

15. Fejn taħseb li kien jgħix ir-Re Mellu?
   a) F'gabuba
   b) F'kastell
   c) F'razzett
   d) F'dar żgħira.

**(15 x 2 marki = 30 marka)**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Nasir huwa wild familja ġejja minn pajjiż li jinsab fi stat ta' gwerra.
Jaf jikkomunika sewwa bl-Ingliż u qiegħed isir proficjenti sewwa fil-Malti. Hu student bravu li tista' tgħid jixrob kunċetti ġodda bla xkiel ta' xejn imma, minkejja dan kollu, kien riservat ħafna u bilkemm kien jipparteċipa waqt il-lezzjonijiet jew jagħmilha ma' xi ħbieb. Ma kien juri l-ebda interess fi sħabu tal-klassi u għalkemm dawn kienu jkellmuh waqt l-attivitajiet tal-klassi, ma kinux ifittxu l-kumpanija tiegħu waqt il-brejk. L-għalliema l-ġdida tiegħu, żagħżugħa taz-zokkor, riedet tinkludi iktar lil Nasir fil-ħajja tal-iskola u ddeċidiet li tkellmu. Nasir ma sab l-ebda diffikultà jikkomunika mal-għalliema tiegħu. Spjegalha li billi hu kien l-uniku student b'karnaġġjon skur kien qed isibha diffiċli sewwa xi drabi u stqarr li ma kienx iħossu kunfidenti biżżejjed biex jipparteċipa fil-klassi billi kien jemmen li jekk ma jkollux t-tweġiba tajba kien ser jiġi mwaqqa' għaż-żufjett u n-nuqqas ta' tagħlim tiegħu kien jiġi attribwit lir-razza tiegħu.
Jum fost l-oħrajn l-għalliema staqsietu jekk Nasir kienx iħossu komdu jiddeskrivi l-pajjiż li kien ġej minnu, flimkien mat-tradizzjonijiet, ikel u kultura tiegħu lil sħabu tal-klassi biex b'hekk isiru jafu aktar dwaru. Qaltlu li dal-eżerċizzju jista' jkun parti mis-sessjoni tal-Ġeografija billi kienet se ssemmi 'l pajjiżu fil-lezzjonijiet li jmiss. Nasir ħa gost b'dan u staqsa wkoll jekk ikunx jista' jdoqq mużika minn art twelidu – xi ħaġa li kien qiegħed iħoss bi kbir in-nuqqas tagħha. L-għalliema wrietu li flimkien kienu se jwasslu lezzjoni interessanti lill-bqija tal-klassi.
U hekk seħħ.
Biex il-lezzjoni ħadet xejra iktar interessanti omm Nasir bagħtet miegħu xi ftit tal-ħelu li jgħaxxi li kien popolari f'pajjiżha. Tgħidx kif indafru t-tfal tal-klassi u tgħidx kemm kien ferħan u ħassu importanti Nasir bit-tfal tal-klassi tiegħu jduru miegħu u jistaqsuh fuq din u l-oħra. U l-għalliema ħassitha sodisfatta bi kbir meta rat kemm il-lezzjoni rnexxiet kemm bħala tagħlim kif ukoll bħala mezz li qarrbet lil Nasir lejn sħabu.

Mistoqsijiet
16. "Ikellmuh" huwa
   a) verb fil-perfett
   b) verb kwadrilitteru
   c) verb nieqes
   d) verb tat-tieni forma

17. Nasir kien
   a) iħobb il-mużika Taljana
   b) iffissat fuq il-pittura Maltija
   c) iħobb il-mużika ta' pajjiżu
   d) tifel bla gosti ta' xejn



46. Il-frażi mis-silta li tfisser li Schettino ried jikkuntenta għadd ta' nies f'daqqa hija
   a) telaq lil kulħadd għal riħu
   b) li dderieġa l-vapur lussuż
   c) laqat tliet għasafar b'ġebla waħda
   d) jipprovdi spettaklu b'xejn.

47. Il-kelma li hija nom u li fih għandha pronom mehmuż magħha hija
   a) btala
   b) port
   c) insibu
   d) ħajtu.

48. L-ammont ta' 4,000 persuna jinkiteb
   a) erbgħat elef persuna
   b) erbgħa t'elef persuna
   c) erbat elef persuna
   d) erba' eluf persuni.

49. Il-kelma 'ekwipaġġ' hija nom
   a) fl-għadd imtenni
   b) fil-kollettiv
   c) fl-istat kostrutt
   d) fil-plural.

50. Il-kontra ta' bilqiegħda hija
   a) bil-wieqfa
   b) bilwiefqa
   c) bilwieqfa
   d) bil-wiefqa.

**(20 x 2 marki = 40 marka)**

**TMIEM**

38. Minn għarraq nagħmlu għarqa, allura minn għaddas nagħmlu
   a) jgħaddas
   b) għadsa
   c) għazza
   d) għatis.

39. Il-frażi li tfisser li kulħadd ried jieħu ħsieb tiegħu nnifsu hija
   a) għalaq għajn waħda
   b) bewweġ 'l hemm
   c) tah daqqa t'id
   d) kulħadd għal riħu.

40. Agħżel is-sentenza li ma taqbilx mas-silta.
   a) Il-Kaptan Schettino resaq qrib il-blat biex ipaxxi lill-headwaiter
   b) Schettino resaq wisq qrib l-art biex il-passiġġieri jarawha sew
   c) Il-gżira ta' Giglio kienet togħġbu ħafna lil Schettino
   d) Schettino baħħar fuq l-istrumenti li mmarkaw ħażin is-sikka.

41. Mill-Qorti Taljana, il-Kaptan Schettino ntbagħat
   a) sittax-il sena ħabs
   b) tmintax-il xahar ħabs
   c) għomru l-ħabs
   d) jgħix barra mill-Italja.

42. Ngħidu li l-cruiseliner kien bastiment famuż li kellu tmiem
   a) diżastrus
   b) disażtrus
   c) diżastruż
   d) diżażtruż.

43. L-Għerq tal-verb ħalla huwa
   a) Ħ_L_L
   b) Ħ_L_J
   c) Ħ_LL_J
   d) Ħ_L_J_T

44. Minn jimxi nagħmlu ma jimxix, u minn jipprovdi nagħmlu ma
   a) jipprovdiex
   b) jiprovvdiex
   c) jipprovdix
   d) jipprovvdiex.

45. Ngħidu li lilu għoġbitu imma lilha
   a) għoġbitha
   b) għoġbitta
   c) għoġbietha
   d) ogħġbitha.



18. Liema frażi li tinstab fit-test innifsu tfisser "kellha attitudni ħelwa"?
   a) taz-zokkor
   b) brava
   c) miġbuda
   d) proficjenti

19. Skont is-silta liema minn dawn is-sentenzi hija t-tajba?
   a) It-tfal ifittxu lil Nasir waqt il-brejk.
   b) Nasir kellu relazzjoni tajba mal-għalliema.
   c) Nasir ma kienx kapaċi fit-tagħlim.
   d) Omm Nasir ġabet l-ikel lill-għalliema.

20. Nasir ma kienx jieħu sehem waqt il-lezzjoni għax
   a) kien jibża' li jiżbalja u hekk jaqa' għaċ-ċajt fil-klassi.
   b) ma kienx intelliġenti.
   c) ma kienx ikun irid.
   d) għax l-għalliema kienet tiksru.

21. Nasir kien l-uniku student
   a) bravu fil-klassi.
   b) b'ġilda samranija.
   c) li ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż.
   d) ma kellux imħabba lejn pajjiżu.

22. X'għandhom komuni l-kelmiet diffikultà u interess?
   a) It-tnejn verbi
   b) It-tnejn partiċipji
   c) It-tnejn aġġettivi
   d) It-tnejn nomi.

23. Liema frażi turi li f'art twelid Nasir ma kienx hemm paċi:
   a) Attribwit lir-razza tiegħu
   b) Kultura tiegħu
   c) Fi stat ta' gwerra
   d) Ma kienx kunfidenti.

24. Il-kelma "proficjenti" tfisser:
   a) kapaċi
   b) bla tagħlim
   c) imħawwad
   d) ma jafx jispelli

25. Liema frażi minn dawn ta' hawn taħt toqgħod flok "xkiel"?
   a) ħila
   b) kalibru
   c) sapport
   d) tfixkil

26. Xi jġiegħlek taħseb li l-ħelu li bagħtet omm Nasir għoġob lit-tfal?
   a) It-tfal kollha jħobbu l-ħelu.
   b) It-tfal kienu mġewħin.
   c) It-tfal indafru sewwa.
   d) Il-ġenituri tat-tfal ma kinux jagħmlulhom ħelu.

27. L-għalliema talbet lil Nasir jiddeskrivi lil pajjiżu
   a) wara l-brejk.
   b) waqt il-lezzjoni tal-Ġeografija.
   c) meta jrid hu.
   d) waqt l-assembly tal-iskola.

28. Jekk minn qarreb nisiltu qarrbu, minn għajjar nisiltu
   a) għajru
   b) għajjru
   c) agħjru
   d) mgħajjar

29. X'riedet tfisser l-għalliema meta staqsiet lil Nasir jekk ikunx komdu jiddeskrivi lil pajjiżu?
   a) Jekk is-siġġu ta' Nasir kienx komdu.
   b) Jekk Nasir kienx jaf iwassal dak li ried jgħid bil-Malti.
   c) Jekk kienx isib diffikultà biex jitkellem dwar pajjiżu.
   d) Jekk kienx jaf sewwa lil pajjiżu.

30. Liema kelma hija mnissla mit-Taljan?
   a) għalliema
   b) tweġiba
   c) popolari
   d) tmexxiet

**(15 x 2 marki = 30 marka)**

**Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

**IT-TRAĠEDJA TAL-COSTA CONCORDIA**

Għaddew 10 snin mit-traġedja tal-cruiseliner Costa Concordia, traġedja li ħasdet il-ħajja ta' 32 persuna. Dakinhar tal-inċident, il-bastiment kien ilu sagħtejn biss li ħalla l-Port ta' Civitavecchia f'Ruma, b'eluf ta' persuni li ħasbu biex jibdew is-sena 2012 bi btala fil-Mediterran. Iżda ftit 'il barra mill-gżira ta' Giglio, fin-naħa tat-Toscana, il-vapur, twil kwazi 300 metru, ħabat ma' sikka u nqeleb. Fost paniku enormi, kien hemm min qabeż il-baħar u għam sal-art. Iżda kien hemm min tilef ħajtu.

Il-filmati u r-rekordings miġbuda minn passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ stess jibqgħu memorja kerha ta' dak il-jum iswed. L-aktar wieħed popolari jibqa' r-rekording tat-telefonata bejn il-Kaptan tal-Port, Gregorio De Falco u l-Kaptan tal-Concordia, Francesco Schettino, li abbanduna l-vapur mill-ewwel waqt l-għarqa u ħalla lil kulħadd għal riħu. Il-Kaptan tal-Costa Concordia weħel 16-il sena ħabs wara proċess twil, li beda fl-2013 u ħa madwar tliet snin biex intemm. Schettino nstab ħati mill-Qrati Taljani ta' qtil involontarju ta' 32 persuna wara li abbanduna l-vapur waqt l-għarqa. B'kollox, abbord il-cruisliner, kien hemm 4,000 persuna, inkluż l-ekwipaġġ.



Fil-ġuri ħareġ illi Schettino ried li "jolqot tliet għasafar b'ġebla waħda" meta dderieġa l-vapur lussuż tal-passiġġieri lejn il-gżira ta' Giglio, f'manuvra li spiċċat f'diżastru sħiħ. Hu qal illi ried "isellem" lill-gżira ż-żgħira, jogħġob lill-*head waiter* tal-vapur, u jipprovdi spettaklu b'xejn lill-passiġġieri tiegħu. Apparti l-Kaptan, kien hemm ħames membri oħra tal-ekwipaġġ li ġew ikkundannati l-ħabs b'pieni li jvarjaw minn 18-il xahar għal sentejn u għaxar xhur ħabs.

(Silta addattata mill-artiklu ta' Desirei Grech li deher fil-portal tal-aħbarijiet netnews.com tat-13/01/22)

Il-mistoqsijiet

31. Il-frażi 'jum iswed' tfisser
   a) tifkira sabiħa
   b) jum ta' niket u swied il-qalb
   c) jum ta' sħab u xita
   d) jum iddedikat kontra r-razziżmu.

32. It-traġedja tal-Costa Concordia saret fis-sena
   a) 2010
   b) 2012
   c) 2013
   d) 2022.

33. Id-diżgrazzja seħħet fuq il-baħar
   a) qrib Civitavecchia f'Ruma
   b) viċin il-gżira ta' Giglio
   c) f'nofs il-Mediterran
   d) ftit 'il barra minn Malta.

34. In-numru 300 fis-silta jirreferi għal kemm
   a) mietu nies fit-traġedja
   b) salvaw nies mill-għarqa
   c) kien hemm passiġġieri u ekwipaġġ fuq il-vapur
   d) kien fih tul ta' metri l-cruiseliner.

35. Il-kelma li hija verb fis-sentenza hija
   a) Il-vapur
   b) ħabat
   c) ma'
   d) sikka.

36. L-aktar rekording famuż ta' din id-diżgrazzja
   a) huwa l-filmat tal-vapur jaħbat mas-sikka
   b) huwa l-filmat tal-Kaptan Schettino jaħrab minn fuq il-vapur
   c) hija telefonata li għamel membru tal-ekwipaġġ mal-familja tiegħu qabel miet
   d) hija t-telefonata li kellu l-Kaptan Schettino mal-Kaptan tal-Port.

37. Il-Qorti Taljana sabet lill-Kaptan Schettino ħati li
   a) kkaġuna ħsarat kbar fil-cruiseliner
   b) bla ma ried qatel 32 ruħ bl-azzjoni irresponsabbli tiegħu
   c) għamel ħsara kbira finanzjarja lill-kumpanija tal-cruiseliners
   d) kkawża ħsarat strutturali fil-port tal-gżira ta' Giglio.